# KUNSILL LOKALI ISLA

# IR-RABA' KUNSILL

# LAQGĦA NUMRU ERBA' U ERBGĦIN

Il-laqgħa tal-Kunsill li kellha ssir nhar it-Tlieta 28 ta' Diċembru, 2004 fis-6.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill f'numru 197, Triq San Ġużepp, Isla.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | 0 | | |

**AĠENDA**

(1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Mistoqsijiet.
(4) Talba minn Senglea Athletics F. C.
(5) Tender Household Refuse Collection.
(6) Ħwejjeġ Oħra.

## 44 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti

Saru dawen l-emendi fil-Minuti tal-laqgħat Numru 42 u 43.

*44 (1).1* Laqgħa Numru 42 paġna 8 item 42(4) l-aħħar linja ta' l-ewwel paragrafu "Numru 41" tiġi taqra "Numru 39 ( 4 ii).

*44 (1).2* Laqgħa Numru 42 paġna 10 "tkomplija tal-laqgħa tal-Kunsill, il-kelma "Assenti" fejn tirrigwardja l-attendenza tal-Kunsillier Charmaine Gerada tiġi taqra " skużata".

*44 (1).3* Laqgħa Numru 43 paġna 1 attendenza. Il-kelma "Assenti" fejn tirrigwarda l-attendenza tal-Kunsillier Charmaine Gerada tiġi taqra "skużata".

*44 (1).4* Wara li ġew approvati u saru l-korrezzjonijiet mitluba fuq proposta tal-Kunsillier Reno Chircop issekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar, il-Kunsill approva nem. con. il-minuti kif korretti.

*44 (1).5* Matters Arising mill-aħħar żewġ laqgħat :

*Pjazza Andrea Debono* Il-Kunsill qiegħed f'diskussjonijiet mal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni B'Diżabilita' dwar x'għandu jsir f'dan il-proġett tal-Kunsill.

*LES* Is-Sindku Joseph Casha għandu jiltaqa' mas-Sinjura Marthese Portelli minn Datatrak dwar flus pendenti dovuti lill-Kunsill.

*Med Urbs* Il-Kunsill irċieva l-ammont ta' Lm 150 mill-Kunsill Lokali Bormla. Ser jiġi mifhiehem kif ser isir il-kumplament tal-ħlas dovut.

## 44 (2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku Joseph Casha ta rendikont tal-ħidma li saret mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

44 (2).1 Seminar EU - 3 ta' Diċembru, 2004

Is-Sindku Joseph Casha u s-Segretarju Eżekuttiv attendew Seminar "Malta in the EU - 1st 6 months!" imtella' mill-Fondazzjoni Reggie Miller tal-General Workers' Union.

44 (2).2 Radju Kottoner (4 ta' Diċembru, 2004)

Is-Sindku Joseph Casha f'isem il-Kunsill fuq dan ir-Radju f'Dar it-Tama u offra donazzjoni ta' Lm 10.00.

44 (2).3 Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera (14 ta' Diċembru, 2004)

Is-Sindku attenda għal din il-laqgħa li saret fil-Ministeru ma' l-Onor. Ninu Zammit billi din kienet l-ewwel laqgħa ta' dan il-Kumitat mindu reġa' ġie maħtur.

Il-Ministru enfasiżża projirita' fuq xogħol ta' restawr fil-lokalitajiet li jixtieq li jsir b'kollaborazzjoni mid-Dipartiment tar-Riżorsi u Nfrastruttura.

Is-Sindku irrefera għall-flus li l-Kunsill għandu jieħu mill-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera fir-rigward ta' J. B. Azopardo u dwar xogħol propost dwar uprgarding tal-Gardjola u Pjazza Andrea Debono.

44 (2).4 TCTC - Reception ( 16 ta' Diċembru, 2004)

IS-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv attendew għal stedina li saret minn TCTC biex jippromwovu l-prodotti u l-programmi ta' tagħrif għas-sena li ġejja u biex tissaħħaħ il-koperazzjoni li diġa hemm bejn il-Kunsilli u din il-Kumpanija.

44 (2).5 Kumitat Konġunt LES ( 16 ta' Diċembru, 2004 )

Is-Sindku kellhu laqgħa dwar id-diffikultajiet u problemi li qed jinqalgħu fit-tħaddim ta' din is-sistema speċjalment f'dawk li huma ħlasijiet dovuti lill-Kunsill.

44 (2).6 Preżentazzjoni ta' Computers (20 ta' Diċembru, 2004)

Is-Sindku kien preżenti għall-għotja ta' computers mil-Lombard Bank lill-Kumitat Konġunt tal-kottonera u li dawn ingħataw lill-Kunsill Lokali tal-Kalkara pero' ser jibqgħu għall-użu tal-Kumitat Konġunt tal-Kottonera.

F'din l-okkażjoni s-Sindku tkellem maċ-Chairman tal-Lombard Bank dwar għotja oħra ta' computers lill-Kunsill ta' l-Isla. Iċ-chairman tal-Bank wera' x-xewqa tiegħu li jgħin lill-Kunsill fi proġetti abjentali u kif jista' jingħata servizz bankarju mil-lokal.

44 (2).7 Attivita' Rigal lill-Anzjani (23 ta' Diċembru, 2004)

Kif kien ippjanat din l-attivita' li kienet immirata biex tferraħ lill-Anzjani fil-lokal f'dan Iż-żmien ta' ferħ saret fl-Emotions Club, Paceville.

Filgħodu kien hemm coffee morning fil-waqt li wara kien hemm ikla u entertainment sa tard wara nofsinhar.

Din l-attivita' li kienet bi ħlas issussidjat kienet suċċess kbir u kien hemm talba biex terġa' ssir.

44 (2).8 Zion (26 ta' Diċembru, 2004)

Is-Sindku kien mistieden u attenda għal play ta' żmien il-Milied imtella' miż-żgħażagħ tal-lokal fil-post tal-Brigata.

Il-qliegħ ta' din is-serata kien b'risq it-tfal ta' Dar Nazareth fiż-Żejtun.

44 (2).9 Tender Household Collection (27 ta' Diċembru, 2004)

Saret laqgħa fil-Kunsill Lokali tal-Kalkara dwar id-deċiżjoni finali li tagħżel l-orħos offerti ppreżentata għal din it-tender.

Din it-tender qed titħaddem mit-tlett Kunsilli tal-Kalkara, Birgu u Isla flimkien.

Sar qbil li ssir laqgħa mat-"Transline" il-kuntrattur magħżul, nhar l-Erbgħa 29 ta' Diċembru, 2004 biex jiġu stabbiliti l-ħinijiet ta' kif ser jitħaddem dan is-servizz fit-tlett ibliet u meta ser jibda.

44 (2).10 Bankini fi Triq San Ġużepp, Isla

(A) Il-Kunsill irċieva offerta (fuq talba tal-Kunsill stess) mid-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u Manutenzjoni fi ħdan il-Ministeru tar-Riżorsi u Kostruzzjoni biex jinbidlu l-bankini f'din it-triq (Kopja mehmuża).

(B) Dan id-Dipartiment qed joffri li jagħmel ix-xogħol hu u l-materjal jiġi pprovdut mill-Kunsill. Għalhekk dan id-dipartiment qed joffri li jagħmel dan ix-xogħol jekk il-Kunsill jaqbel li jħallas 20% ta' l-ispejjeż totali (Lm 2, 767.68) tal-labour work li allura jammonta għal Lm 553.54.

(C) Il-Kunsill qed jaqbel li dan ix-xogħol isir.

44 (2).11 Korrispondenza

Lista tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn id-29 ta' Novembru u l-24 ta' Diċembru, 2004 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/ /04/I Gordon Camilleri*

Il-Kunsill irċieva ittra mis-Sur Gordon Camilleri fejn infurma lill-Kunsill li ma' kienx interessat aktar fit-talba tiegħu għat-tender ta' Servizzi Klerikali fil-Kunsill Lokali Isla.

*04/2763/04/I Memo 34/2004*

(A) Dan il-Memo mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali jitratta l-faċilita' li għandha tingħata lill-Kunsilliera għall-attivitajiet uffiċjali bħala Kunsilliera waqt il-ħin tax-xogħol u dan kif u meta għandhom isiru l-laqgħat tal-Kunsill.

(B) Għal dan il-għan biex jimxi ma' l-istruzzjonijiet li hemm f'dan il-Memo il-Kunsill Lokali Isla qabel unanimament li l-laqgħa tal-Kunsill għandha ssir mill-inqas darba fix-xahar, kull l-aħħar Tlieta tax-xahar.

Il-laqgħa ssir darba filgħodu u darba filgħaxija biex ikun konvenjenti għall-Kunsilliera kollha ta' dan il-lokal.

Għalhekk il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 25 ta' Jannar, 2005 fid-9.30am. Jekk jinħass il-bżonn tissejjaħ laqgħa qabel.

*04/2823/04/I* *Queen's Own Band Club*

Dan il-Klabb reġa' fakkar lill-Kunsill dwar il-ħlas dovut għall-akkademja mużikali li saret fl-2003 (Kopja mehmuża).

Il-Kunsill huwa tal-fehma li hekk kif il-qgħda finanzjarja tiġi għan-normal jgħaddi l-ħlas li l-Kunsill kien approva żmien ilu.

*04/2777/04/I* *Klabb tal-Boċċi*

Il-Kunsill approva t-talba ta' dan il-Klabb biex jisponsorja t-trophies għal tournament tal-Boċċi li ser isir nhar it-Tnejn 3 ta' Jannar, 2005.

*04/2820/04/I* *Comune di Alfedena (Provincia ta' L"Aquila)*

Is-Sindku Vittorio Anversi, filwaqt li ta l-awguri tal-Milied lis-Sindku Joseph Casha u lill-Kunsill, stieden lil dan il-Kunsill biex jaħdem flimkien f'dik li hi Kultura, Soċjali u Turiżmu.

Il-Kunsill ser jikkunsidra din il-proposta aktar 'il quddiem.

*04/2663/04/I*
*04/2776/04/I* *Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera*

(A) Id-Direttur ta' dan il-Kumitat informa lill-Kunsill li qed jalloka Lm 10, 000 għal prijoritajiet fl-Isla li ser jiġi diskuss fl-ewwel laqgħa ta' dan il-Kumitat.

(B) Dawn Lm 10, 000 jistgħu jiġu wżati għal Pjazza Andrea Debono għax ma' jidhirx li l-Budget għall-Isla għas-sena 2005 ikun aktar minn dan.

*(C)* Dan il-Kumitat qed jitlob li dan il-Kunsill (flimkien al-Kunsilli l-oħra) jagħmel il-proposti tiegħu għall-Business Plan tal-Kumitat għas-snin 2005-2007.

*04/2788/04/I* *Lezzjonijiet taż-żfin*

Ms Celaine Buhagiar bgħatet it-time table tal-lezzjonijiet taż-żfin li jittellgħu fis-Sala tal-Kunsill għax-xahar ta' Jannar, 2005.

*04/2791/04/I* *Ftehim Kollettiv għas-Segretarji Eżekuttivi (Jannar'03 - Diċembru'05)*

Is-Sindku Joseph Casha ppreżenta l-ftehim kollettiv tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali li ġie miftiehem u approvat bejn ASKLM u AKL u li ġie ffirmat fis-27 ta' Settembru, 2004.

## 44 (3) Mistoqsijiet

Billi ma' kienx hemm mistoqsijiet, il-Kunsill għadda għall-item li jmiss fuq l-Aġenda.

## 44 (4) Talba minn Senglea Athletics F. C.

Dan il-Klabb qed jitlob lill-Kunsill biex jidħol f'joint venture magħhom biex fil-ground tal-Ponta jiġi stallat mini pitch bl-għajnuna ta' l-MFA u l-UEFA. (Kopja tat-talbiet annessi - 04/2512/04/I u 04/2745/04/I).

44 (4).1 Billi fuq stedina tal-Kunsill stess dak il-ħin kien hemm il-President tal-Klabb Frans Mizzi kif ukoll Stephen Perici, membru tal-Kumitat ta' l-MFA li qed jirrapreżenta lil Senglea Athletic FC.

44 (4).2 Il-Kunsill issospenda l-laqgħa tal-Kumitat (7.20pm) biex tkun tista' ssir diskussjoni diretta ma' dawn iż-żewġ rappreżentanti dwar it-talba tagħhom.

Fit-8.00pm il-Kunsill reġa' beda jiltaqa' wara li ż-żewġ rappreżentanti tas=Senglea Athletic FC rtiraw mil-laqgħa.

44 (4).3 Wara diskussjoini fit-tul u fid-dettal fejn ġew miflija l-proposti, l-pjanti u dokumenti kollha dwar dan il-proġett propost. Il-Kunsill kien tal-fehma li jidħol għal dan il-proġett flimkien ma' Senglea Athletic FC.

44 (4).4 Il-Viċi Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Charmaine Gerada ressaq mozzjoni ad hoc minħabba l-urġenza ta' żmien fl-applikazzjoni ta' dan il-proġett. Din il-mozzjoni tgħid hekk :

- "Billi ilu ħafna jinħass il-bżonn li fil-lokal ikun hemm football pitch għall-użu u ġid taż-żgħażagħ fil-lokal.

  Billi kien diffiċli li jinsab sit ieħor fil-lokal wara li saru diversi studji dwar l-aħħar tlett snin.

- Billi anke finazjarjament kien qed ikun diffiċli li l-ħolma li jkun hemm pitch mdawwar bit-turf tajjeb għaż-żmien ta' llum.

- Billi l-proposta biex isir dan il-pitch qed tkun vantaġġjuża minħabba l-għajnuna li ser tingħata mill-UEFA permezz ta' l-MFA.

Dan il-Kunsill japprova biex jidħol f'joint venture mal-Klabb Senglea Athletic FC biex isir pitch bit-turf fil-grawnd tal-Ponta.

Il-Kunsill approva din il-mozzjoni nem. con.

44 (4).5 Id-dettalji kollha jinsabu mehmuża ma' dawn il-minuti.

44 (4).6 Sar qbil li l-Kunsill minnufih jagħmel ittra li qed japprova li jidħol għal dan il-proġett ma' Senglea Athletic FC billi l-Klabb kellu ċans biss sal-31 ta' Diċembru, 2004 biex jissottometti t-talba tiegħu għall-approvazzjoni ta' l-MFA u l-UEFA (Kopji mehmuża).

44 (4).7 Il-Kunsill qabel ukoll li ser jgħarraf lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u d-Dsipartiment ta' l-Artijiet dwar dan il-proġett fil-grawnd tal-Ponta billi dan il-grawnd huwa devolut lill-Kunsill.

44 (4).8 Dan il-proġett ser jiġi ffinanzjat mill-Budget għas-sena finanzjarja 2005/2006.

## 44 (5) Tender Houehold Refuse Collection

(1) Billi l-offerta ta' Transline hija l-orħos waħda u l-aktar vantaġġjuża l-Kunsill afferma din l-għażla filwaqt li saħaq li jsir ħasil ta' l-iskips u ġbir tagħhom fil-Ħdud u l-Festi u li l-ġbir ta' skart mid-djar irid isirsa l-10.00am.

(2) Għandha ssir laqgħa nhar l-Erbgħa 29 ta' Diċembru, 2004 biex jiġi approvat il-ftehim bejn it-tlett Kunsilli.

## 44 (6) Ħwejjeġ Oħra

Billi ma' kienx hemm xogħol ieħor xi jsir il-Kunsill aġġorna l-laqgħa tiegħu fid-8.45am.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ____________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________ ______________________

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv